**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

## 1.00 Laqgħa Numru 38/14(13_11_14).

1.01 Minuti tal-laqgħa b'urġenza ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Novembru 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

L-għan ta' din il-laqgħa b'urġenza huwa sabiex jiġu diskussi Offerta numru MXR/003/2014 u Offerta numru MXR/004/2014.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.
Assenti kien hemm is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier u s-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

1.04 Il-Kunsill beda jiddiskuti Offerta numru MXR/003/2014 - *Tender for the Supply and Installation of Mechanical and Electrical Services*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fil-31 ta' Ottubru 2014 u nstabu żewġ offerti:

1. X-Treme Technologies
2. Richard Cauchi

Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tingħata lil X-Treme Technologies peress li kienet l-orħos offerta u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet.

1.05 Il-Kunsill beda jiddiskuti Offerta numru MXR/004/2014 - *Tender for the production, design and printing of a booklet, leaflet and map*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fil-31 ta' Ottubru 2014 u nstabu żewġ offerti:

1. HD Entertainment Ltd.
2. Keen Ltd.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tingħata lil HD Entertainment Ltd. peress li kienet l-orħos offerta u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***